Minuti tal-5 laqgha tas-sitt Kunsill Lokali Gharb li saret nhar il-Gimgha 02 ta' Ottubru, 2009. Il-laqgha nbdiet hin 4.45pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
| --- | --- |
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Emanuel Muscat |
| | Carmen Vella |

| **Ufficjali:** | |
| --- | --- |
| Segretarju Ezekuttiv | Joanne Attard |

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tar-4 laqgha.**

1.1 Peress li l-laqgha issejhet b'urgenza ma kinuxipprezentati il-Minuti tar-raba laqgha.

**2. Introduzzjoni ta' tariffi godda fuq skart imhallat u skart separat.**

2.1 Is-Sindku spjega illi b'effett mill-ewwel ta' Ottubru dahlu fis-sehh tariffi godda li jammontaw ghal €20 kull tunellatta fuq skart organiku mhux separat u dak separat €0.50 kull tunnellata. Is-Sindku spjega illi il-Kunsill ghandu jsib mezz kif jippromwovi is-separazzjoni tal-iskart b'hekk ikunu qed jigu edukati in-nies u l-Kunsill jiffranka l-flus. Giet trattata wkoll Memo 57/2009 dwar Disposal Fees gooda ghar-rimi tal-iskart imhallat fil-landfill. Saret diskussjoni fit-tul fejn tressqu diversi proposti ta' inizjattivi li jista' jiehu il-Kunsill biex ikun hemm iktar separazzjoni ta' skart fil-lokalita'. Attenda wkoll ghal-laqgha s-Sur Marcell Bonnici rapprezentant tal-K.I.P. sabiex jispjega lill-Kunsill kif ser tahdem is-sistema il-gdida.

2.2 Wara d-diskussjoni u l-laqgha mas-Sur Bonnici, il-Kunsill wasal ghall-konkluzjoni li ghandu jaghmel ezercizzjoni li ghandu jwassal biex tinkiseb informazzjoni dwar l-impatt tat-tnehhija tal-hgieg mill-iskart imhallat. Gie deciz li ghandha issir prova ta' hmistax fejn l-iskart li jingabar fl-Gharb jintizen kemm dak imhallat u kif ukoll dak separat. Wara dan il-perjodu ghandu jkun hemm perjodu iehor fejn issir kampjanja edukattiva li tikkonsisti fi tqassim ta' flyer li jippromwovi ir-riciklagg. Il-Kunsill qabel li dan l-ezercizzju ghandu jsir permezz ta' gwardjan lokali li jhabbat bieb bieb jaghti informazzjoni lill-pubbliku dwar il-

gbir tal-iskart u jqassam il-flyers. Dan is-servizz ser jiswa lill-Kunsill is-somma ta' €400. Il-Kunsill qabel illi biex iheggeg lir-residenti jirriciklaw l-iskart ghandu jaghtihom incentiv u dan ghandu jkun billi jipprovdilhom boroz tar-riciklagg. Il-Kunsill qabel ghalhekk illi l-gwardjan lokali flimkien mal-flyer ghandu jaghti pakkett boroz tar-riciklagg lil kull familja liema boroz ser ikunu pprovduti mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel illi wara li jispicca l-perjodu tal-kampanja edukattiva il-Kunsill ghandu jaghmel perjodu ta' iehor ta' hmistax fejn jaghmel kollezzjoni tal-hgieg kull nhar ta' Hamis. Fl-istess waqt ghandu jsir avviz ukoll illi il-bins on wheels fi Triq San Pietru ser ikunu qed jitnehhew definittivament.

2.3 Is-Sindku spjega illi saret laqgha mar-rapprezentanti tal-Kunsilli Lokali tal-Ghasri u ta' San Lawrenz dwar il-possibilita' illi l-offerta l-gdida ghas-servizz tal-gbir tal-iskart bieb bieb tinhareg ghat-3 Kunsilli flimkien u li z-zewg Kunsilli l-ohra qed jaqblu ma dan.

2.4 Gie diskuss is-servizz tal-open skip li qed jigi offrut is-Sibt filoghdu. Il-Kunsill qabel li ghandu jipproponi liz-zewg lokalitajiet l-ohra li jinstab post adattat fejn ir-residenti tat-3 lokalitajiet ikunu jistghu jiddepozitaw l-iskart goff b'mod separat.

**3. Approvazzjoni ta' hlasijiet.**

3.1 Il-Kunsill approva l-hlas tal-kontijiet elenkati fl-iskeda ta' pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

**4. Korrispondenza u materji ohra.**

4.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar il-laqgha tal-Local Action Group (LAG) li ser tkun qed tinzamm fil-Kunsill Lokali Gharb bhala parti mil-process ta' konsultazzjoni li l-LAG qed taghmel mal-Ghawdxin. Is-Sindku spjega illi qabel il-laqgha li ser tkun miftuha ghar-residenti kollha ser issir laqgha mal-Kunsill sabiex il-Kunsill ikun spjegat f'hiex jikkonsisti il-LAG. Is-Sindku stieden lill-membri kollha biex jattendu.

4.2 Il-Kunsill iddiskuta l-isqaq fi Triq Trux li jinsab wara d-dar tal-Arcipriet liema sqaq huwa mudlam u mhux l-ewwel darba li kien lok ta' serq. Il-Kunsill iddiskuta il-possibilita' li dan l-isqaq jigi mdawwal fl-interess tas-sigurta' tar-residenti tal-inhawi.

4.3 Il-Kunsill iddiskuta l-email minghand John Senior – Stern fejn qed jitlob l-ghajnuna u s-support tal-Kunsill fir-rigward ta' attivita' filantropika li ser issir fl-Gharb b'risq l-Arka Foundation fit-12 ta' Dicembru, 2009. Il-Kunsill qabel illi ghandha ssir laqgha mas-Sur Senior-Stern biex tinghata aktar informazzjoni dwar l-avveniment.

4.4 Gie trattat l-invit ta' Mons. Anton Saliba ghall-ftuh tal-Wirja dwar kitbietu li ser issir gewwa l-Ministeru ghal Ghawdex nhar il-Gimgha 9 ta' Ottubru fis-7.30pm.

**Pagna 3 Minuti tal-5 laqgha**

Il-Kunsill qabel li ghandu jixtri ghadd ta' kotba minghand Mons. Anton Saliba biex jinghataw lit-tfal tal-lokalita' fl-okkazjoni tal-Milied.

4.5 Raymond Cassar issuggerixxa li ghandu jinzamm kors ta' fire fighting. Il-Kunsill qabel li ghandha tigi ikkuntattjata l-Enemalta dwar il-possibilita' li jigi organizzat kors simili fl-Gharb.Gie deciz li ghandu jsir avviz ukoll ghal kors tal-First Aid.

4.6 Giet trattata korrispondenza mill-JP2 Foundation fejn talbu lill-Kunsill jipprovdi transport ghall-membri tal-kor li ser ikun qed jaghti kuncert gewwa s-Santwarju ta' Pinu fis-17 ta' Ottubru, fl-okkazjoni tat-3 anniversarju mill-inawgurazzjoni tal-Monument tal-Papa Gwanni Pawlu II. Il-Kunsill qabel li jikkunsidra li jaghti din l-ghajnuna kemm il darba il-kuncert jinzamm fil-Knisja Parrokkjali tal-Gharb.

4.7 Is-Sindku spjega illi Group 4 Securitas intalbu jaghtu stima ta' sistema ta' security cameras. Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar incident li sehh fil-jiem li ghaddew fejn xi hadd baqa diehel fiz-zuntier tal-Knisja. Hawnhekk issemmiet il-webcam tal-Kunsill fejn Manuel Muscat gibed l-attenzjoni illi din qed tkun trasmessa fuq sit elettroniku iehor.

4.8 Il-Kunsill iddiskuta il-pjan tat-traffic management li gie mhejji mill-Kuntrattur li ser ikun qed jahdem fuq it-trinka tal-rising main, liema pjan ser ikun approvat mill-ADT. Il-Kunsill qabel ma dan il-pjan li huwa maqsum f'4 fazijiet. Is-Sindku spjega illi ir-residenti ser ikunu infurmati billi jitqassmu flyers gewwa d-djar kollha. Il-flyer ser ikun fih messagg mill-Ministru ghal Ghawdex kif ukoll mis-Sindku kif ukoll il-pjanta li turi kif ser jigi divertit it-traffiku. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.9 Il-Kunsill iddiskuta li jista' jkun hemm perjodu qasir meta l-bus tal-iskola ma tkunx tista' twassal lit-tfal ta' Santu Pietru u Birbuba minhabba l-eghluq fit-toroq. Il-Kunsill qabel illi f'dak il-perjodu ghandu jipprovdi transport permezz ta' mini-bus.

4.10Il-Kunsill qabel li ghandu jsir patching fi Triq Birbuba miz-zona fejn kien hemm l-iskips 'il gewwa.

4.11Il-Kunsill qabel li ghandha tigi organizzata harga ghall-anzjani ghal Malta fil-gimgha li gejjin.

4.12Giet trattata korrispondenza mis-Sezzjoni Anzjani dwar Universita' tat-3 eta' f'Ghawdex 2009-2010.

Il-laqgha spiccat hin 7.45pm.
Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv